# Qorti Kriminali

Imhallef:

# Onor. Vincent De Gaetano LL.D.

**Att ta' Akkuza 11/1999**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**George Sammut**

**Ilum, Il-Hamis, 26 ta' Jannar, 2001.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att ta' Akkuza numru 11 tas-sena 1999;

Semghet fl-udjenza tal-bierah, 25 ta' Jannar, 2001, il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat hati skond l-ewwel kap tal-att ta' akkuza bic-cirkostanza li fil-waqt tad-delitt huwa kien taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu; il-gurati sabu lill-akkuzat hati ukoll – u dan unanimament – skond it-tieni kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza;

Tiddikjara lill-imsemmi George Sammut hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, u cioe` talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, bic-cirkostanza, pero`, li fil-waqt tad-delitt huwa kien taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu, u dan a rigward ta' l-ewwel kap; tiddikjarah ukoll hati talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan skond it-tieni kap tal-istess Att ta' Akkuza;

Semghet lill-avukati difensuri dwar il-piena kif ukoll lill-avukat prosekutur; semghet ukoll, fl-udjenza tal-lum u dwar il-piena, lill-hati stess, lill-vittma Carmelo Mifsud, lil Frank Scerri, lil Carmen Sammut u lil Marlene Sammut; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-hati (mill-liema fedina penali jidher li, hlief ghal zewg okkazzjonijiet fl-1980, meta huwa kellu dsatax-il sena, huwa qatt ma kellu incidenti mal-

gustizzja) u iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;

Tosserva in partikolari is-segwenti: f'dan il-kaz intuzat arma – mus – u din ic-cirkostanza wahedha tirrikjedi li ikun hemm piena ta' prigunerija. Il-vittma, Carmelo Mifsud, minn-naha tieghu, hafer inkondizjonatament lill-hati u ammetta li "forsi forsi ma kienx kollu l-htija tieghu (ta' Sammut) li gara". Jirrisulta mill-provi li meta gara l-incident dana Mifsud kellu forma ta' kontroll fuq il-hajja u l-imgieba ta' Sammut li kienu qed jaghmula ferm difficli ghall-istess Sammut li jghix hajja normali, u li din is-sitwazzjoni kkontribwit konsiderevolment biex tipprecipita l-incident li sehh fit-28 ta' April, 1997. Minbarra dan, il-Qorti nnutat li l-hati kkoopera mill-bidu nett mal-Pulizija u llum qed jaghmel mill-ahjar li jista' biex ihallas id-djun li huwa kien akkumula snin ilu sforz il-vizzju tal-loghob. L-*employer* attwali ta' Sammut, Frank Scerri, fisser li l-hati wera li huwa bniedem biezel hafna fuq ix-xoghol. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li ghalkemm, kif inghad, piena ta' prigunerija hija indikata, hu ndikat ukoll il-provvediment infraskritt;

Rat l-Artikoli 41(1)(a), 211, 227(c), 228(2), 31, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 13(1) u 19 tal-Kap. 66;

Tikkundanna lil George Sammut ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija b'dan, pero`, li tordna, a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, li din il-piena ta' sentejn prigunerija m'ghadhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba' (4) snin mill-lum, l-imsemmi George Sammut jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija; u, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-imsemmi Kodici, il-Qorti qieghda tqieghed lill-istess George Sammut taht is-supervizjoni ta' l-ufficjal tal-*probation* Mariella Camilleri bhala ufficjal sorveljanti ghaz-zmien kollu tal-periodu operattiv, u cioe` erba' snin mill-lum. Il-Qorti fissret bi kliem car lill-hati George Sammut kemm ir-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll l-effetti ta' l-ordni ta' supervizjoni;

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna l-konfiska tal-mus Dokument CF (97 AXO 1) u tikkundanna lill-hati jhallas ukoll is-somma ta' tlett mija u sebgha u sittin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm367.85) li jikkorrispondu ghall-ispejjez peritali konnessi mal-faxxikolu fotografiku, ir-realzzjoni ta' Dott. Mario Scerri u r-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina. Il-bqija tal-ispejjez gew, fil-fehma tal-Qorti, inkorsi inutilment u ghalhekk il-hati m'ghandux jitghabba bihom.

(ft) Paul Miruzzi
Dep/Registratur